TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 206/12/GZ

**Raymond u Miriam Cutajar**

**vs**

**Kevin Borg - Borg Repairs & Spares**

Illum 6 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mija sebgha u hamsin Ewro (€157.00), rapprezentanti l-ispejjez li nkorrew sabiex giet imsewwija fridge-freezer li kienet bil-hsara, liema fridge-freezer ma gietx imsewwija sewwa mis-socjeta' ntimata.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Ix-xoghol ma sarx sew fuq freezer. Wara hafna telefonati, is-socjeta' ntimata kienet informathom illi kienet ser terga' tmur, pero' qatt ma marret. Darba minnhom, is-socjeta' ntimata kienet marret ghand ir-rikorrenti u rrangat il-gas, pero' xorta x-xoghol l-iehor baqa' kif kien. Tant kienet tkun tahraq il-freezer, li r-rikorrenti kellhom jitfuha u ma juzawhiex, ghaliex kienu jibzghu johorgu u jhalluha mixghula. Ir-rikorrenti kienu baqghu jilmentaw mas-socjeta' ntimata, fejn is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom li kienet ser terga' tmur tara l-freezer, pero' qatt ma marret.

Ir-rikorrenti ma setghux jibqghu minghajr freezer, u ghalhekk, wara li ghamlu kuntatt mad-Dipartiment tal-Konsumatur, kienu qabbdu lil haddiehor biex isewwiha. Illi

ghalhekk, ir-rikorrenti qed jitolbu l-ispejjez li kellhom ihallsu sabiex il-freezer regghat issewwiet u giet tahdem sewwa.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu cemplulha sabiex tara l-fridge, fejn hija kienet haditha u tathom stima. Ir-rikorrenti kienu sostnew li kienu jafu lil xi hadd li kien ser jehdilhom inqas u li ghalhekk ma kienux ser jaccettaw, u ghalhekk l-ghada s-socjeta' ntimata kienet cemplet lir-rikorrenti sabiex *tinformahom illi hija kienet lesta li taghmel ix-xogholijiet* ta' tiswija ghall-prezz ta' mija u erbghin Ewro (€140.00), fejn ir-rikorrenti kienu qablu u accettaw.

Wara li s-socjeta' ntimata kienet sewwiet il-fridge u haditha lura ghand ir-rikorrenti, huma kienu bdew jilmentaw li kellha genb tahraq, pero' s-socjeta' ntimata kienet *informathom illi dik kienet minnha hekk u li issa kellha* l-gas u mutur gdid. Is-socjeta' ntimata kienet regghat marret tara l-fridge. Meta hija regghta marret fuq il-post, ir-rikorrenti ma kienux fethu l-bieb.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, u ziedu jghidu illi kellhom il-fridge freezer bil-hsara u meta talbu l-istima minghand is-socjeta' ntimata, hija kienet talbitha mija u sittin Ewro (€160.00). Meta gabitha lura, kienet waqghet il-bieba tal-freezer u bdiet tahraq hafna mill-genb. Ghalhekk huma kienu regghu cemplu lis-scojeta' ntimata fejn gew informati li kellhom jaghtuha cans sakemm ittella l-gas. Ir-rikorrenti kienu skoprew li l-mutur u-l-copper capillary kienu akbar milli suppost. Il-fridge kienet bdiet taghmel certu hoss u s-socjeta' ntimata kienet regghat marret biex taraha, izda baqghet l-istess.

Ir-rikorrenti ezebew dokumenti li gew immarkati bhala Dok.RMC1 sa Dok.RMC4, liema dokumenti huma prova ta' l-ammont li hallsu lis-socjeta' ntimata, kif ukoll ta' l-ispejjez li kellhom jerghu jhallsu lil terza persuna sabiex tissewwa.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi r-rikorrenti kienu bdew jitfu l-fridge u ma jaghtuhiex zmien sa kemm ittella' l-gas. Ir-rikorrenti ma kienux riedu lis-socjeta' ntimata terga' tehodha. Stqarret ukoll illi il-garanzija ta' sitt xhur kienet tghodd biss sakemm ma tigix imsewwija minn xi terza persuna.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi s-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u'd-decizjoni illi r-rikorrenti qabdu u hadu l-fridge-freezer in kwistjoni ghat-tiswija ghand terza persuna kienet decizjoni li ttiehdet minnhom stess minghajr ebda ness ma' xi nuqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota wkoll illi apparti mill-'job card' (Dok.RMC4) li gie ezebit, ir-rikorrenti ma ezebew l-ebda rapport tekniku in vista ta' l-allegazzjonijiet taghhom. Illi ghalhekk it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**